**Reġjun Għawdex**

Laqgħa Nru. RGĦ 15/12

**Minuti tal-ħmistax il-laqgħa li saret nhar it-Tnejn 23 ta' Jannar 2012.**

Il-Kumitat Reġjonali ltaqa' fit-3.30 pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat. Preżenti; Dott. Samuel Azzopardi (President); Paul Buttiġieġ (Viċi President) u l-membri David Apap, Salvu Borġ, Frans Cauchi, Joseph Grima, Joseph Sultana, Miriam Portelli, Monica Vella u Ian Paul Bajada (Segretarju Eżekuttiv).

Intqalet t-talba u nqraw il-minuti. Tqajjem punt mill-minuti mis-Segretarju Eżekuttiv rigward il-kwotazzjoni dwar l-istendard bl-istemma tar-Reġjun t' Għawdex, fejn qal li għadu ma rċeviex il-kwotazzjoni. Malli jirċevi l-kwotazzjoni jgħaddiha lill-kunsilli kollha t' Għawdex.

**1. <u>Korrispondenza</u>**

1.1 Stqarrija mingħand Maurice Caruana (Chairman LES Management Committee) rigward l-infurzar ristrett tal-Kumitati Reġjonali.

1.2 Memo 123/2011 – Projbizzjoni ta' Tipjip fi Playgrounds jew Ġonna Pubbliċi

1.3 Mingħand Kenneth De Martino (CEO KDM Group) rigward l-offerta tal-Infurzar lokali. Il-kumitat iddiskuta l-andament tal-infurzar lokali minn meta daħlet fis-seħħ ir-riforma. Il-Kumitat reġjonali iddeċieda illi għandha terġa ssir laqgħa ma s-Sur Kenneth De Martino biex tiġi diskussa din il-materja.

1.4 Mingħand is-Sur Carm Abela (Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali) dwar il-proċeduri ta' pubblikazzjoni u aġġudikazzjoni tas-sejħa għall-offerti uffiċjal awtorizzat. Il-Kumitat Reġjonali qabel illi Il-President Samuel Azzopardi jkun iċ-*Chairman* tal-Kumitat tal-Aġġudikazzjoni, Dr Monica Vella u s-Sur Saviour Borg membri waqt illi Ian Paul Bajada Segretarju. Fil-Bord tal-aġġudikazzjoni ser ikun hemm membru ieħor illi għandu jkun is-Segretarju tal-*LES Stakeholders Committee.*

1.5 Mingħand Ms Violet Galea (f'isem id-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali) illi l-istemma tar-Reġjun t' Għawdex ġiet approvata mill-Onor Chris Said fil-kapaċità ta' Segretarju Parlamentari għall-Konsumaturi, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika nhar 24 ta' Ġunju 2011.

1.6 Mingħand Green Pak rigward ir-reċiklaġġ tal-iskart fid-djar. Dr Samuel Azzopardi issuġerixxa illi peress li l-ftehim ma Green Pak jew Green MT wasal sabiex jiskadi għandhom jiġu mistiedna ż-żewġ entitajiet sabiex joffru l-pakketti tagħhom imbgħad kull kunsill għandu jiddeċiedi. Peress li din il-materja ma taqax fir-responsabiltà tar-Reġjuni; ir-Reġjun ser ikun qiegħed biss jikkordina sabiex il-proċess ikun aktar konvenjenti. Kulħadd qabel ma din il-proposta.

1.7 Mingħand Maurice Caruana (Chairman LES Management Committee) rigward Avviżi Legali 490,491 u 492.

**2. <u>Trasferiment tal-impjegati mar-Reġjun</u>**

2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi bir-riforma tal-infurzar lokali l-impjegati illi jaħdmu fit-tribunal jiġu assorbiti mir-Reġjun. Peress illi f'Jannar tal-2012 it-tribunali bdew jipproċessaw l-kawżi fuq iċ-ċitazzjonijiet imressqa minn Settembru 2011 'il quddiem, l-ispejjeż attribwiti mat-

**Banca Giuratale, Pjazza Indipendenza, Rabat – Għawdex VCT 1020**
**TEL: 21561653 FAX: 21563355**

tribunal lokali irid jassorbihom ir-Reġjun. Kulħadd qabel illi l-ispejjeż attribwiti mat-tribunal u l-uffiċjal awtorizzat għandhom jgħaddu lir-Reġjun b'effett mill-1 Jannar 2012.

2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv spjega wkoll illi l-Kumitat Konġunt għandu kuntratt illi jiskadi f'April 2012 ma Relos Services illi jkopri l-ispejjeż amministrattivi tal-uffiċju tat-Tribunal Lokali inkluż l-impjegati. Ir-Reġjun jista' jew jassorbi l-kuntratt tal-kumitat konġunt skont il-Memo 78/2011 sa April 2012 u wara jimpjega l-istaff tat-tribunal; jew jimpjega l-istaff tat-tribunal minn issa u ma jassorbix il-kuntratt. Il-Kumitat qabel illi r-Reġjun għandu jassorbi l-Kuntratt kif permess skont il-Memo 78/2011 u minn Mejju 2012 jassorbi l-impjegati.

2.3 Is-segretarju nforma illi l-kuntratt tal-Prosekutur tat-tribunal lokali u li sa issa kien responsabiltà tal-Kumitat Konġunt huwa skadut. Il-Kumitat Reġjonali qabel illi għandha toħroġ sejħa għall-offerti ġdida. Is-segretarju qal illi ser jikkomunika mas-Sur Maurice Caruana (Chairman LES Committee) sabiex jiġi mħejji d-dokument tal-offerta.

**3. *Website* tar-Reġjun**

3.1 Peress illi skont il-korrispondenza l-istemma tar-Reġjun t'Għawdex ġiet approvata, għaldaqstant il-membri qablu illi għandha toħroġ offerta għall-kwotazzjoni sabiex ir-Reġjun ikollu *website* tiegħu.

**4. Approvazzjoni ta' Pagamenti**

4.1 Il-pagamenti ġew approvati skont l-iskeda kif annessa ma' dawn il-minuti.

4.2 Ġie diskuss ukoll l-*appraisal report tal-Performance Bonus* tas-segretarju eżekuttiv għas-sena 2011. Il-Kumitat Reġjonali approva l-massimu tal-Performance Bonus lis-Segretarju Eżekuttiv.

**5. Materji Oħra**

5.1 Il-President ikkummenta dwar l-attività illi saret fil-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria nhar is-6 ta' Jannar 2012 fejn tnediet il-pubblikazzjoni rigward il-ħidma tal-Kunsill Ċiviku ġewwa Għawdex. Il-President issuġerixxa illi kull kunsill lokali jakkwista 10 kopji ta' din il-pubblikazzjoni fejn intalab prezz ridott lill-kumitat organizzattiv. Is-segretarju eżekuttiv għandu jikkomunika mas-segretarju tal-kumitat organizzattiv qabel jikkomunika mal-kunsilli lokali dwar din l-offerta.

5.2 Dr Monica Vella (membru) informat lill-Kumitat illi s-sur Karmenu Grima A/secretary fil-Kunsill tax-Xewkija għandu proposta għall-proġett sabiex jiġi pubblikat direttorju bil-Kuntatti t' Għawdex. Il-President issuġerixxa illi s-Sur Grima għandu jikteb lir-Reġjun bil-proposta tiegħu sabiex ikun jista' jiddiskuti din il-proposta b'mod formali.

5.3 Peress illi ma kienx hemm aktar materji x'jiġi diskuss l-laqgħa spiċċat fil-5.00 pm.

.

| | |
|---|---|
| ________________ | ________________ |
| Samuel Azzopardi<br>President<br>Reġjun Għawdex | Ian Paul Bajada<br>Segretarju Eżekuttiv |